# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

SETTEMBRU
1974

## EDITORJAL:

# MALTA U WLIEDHA

*MINNU li ebda profeta mhu milqugħ f'pajjiżu. Minnu li ħafna nies kbar u benefatturi ta' pajjiżhom qalgħu bis-sieq f'ħajjithom u għaddew b'nofs ras. Xi whud wara mewthom deher il-kobor tagħhom għax il-kobor ma tistax tibqa' taħbih dejjem u pajjiżhom raddilhom dak li kien jistħoqqilhom. Imma oħrajn għad li dehru kbar baqgħu bla ħajr, oħrajn moħbija fost l-injoranza u l-preġudizzji ta' nies pajjiżhom.*

*Għax meta nies kbar jibqgħu minsija minn pajjiżhom anki wara mewthom, dan ma jkunx ifisser għajr għajb kbir quddiem is-soċjetà moderna, ifisser faqar fil-mentalità u n-nobbiltà tas-sentimenti, nuqqas ta' rispett soċjali li kull pajjiż għandu jkollu lejh innifsu u lejn uliedu.*

*Qed ngħidu hekk għax inħossu li pajjiżna ma tantx wera ruħu minn ta' quddiem fir-rispett lejn in-nies kbar tiegħu, anzi forsi ħaseb, bil-mentalità kolonjali li ntgħaġen biha, li ma tantx għandu biex jiftaħar. Tneħħi erba' monumenti li hemm fil-Mall il-Furjana u xi tnejn oħra li twaqqfu dan l-aħħar, pajjiżna hu fqir fuq li fqir fit-tfakkir ta' niesu u tal-istorja tiegħu. Dan l-aħħar rajna xi wċuh ta' Maltin fuq il-bolli u ħadna pjaċir, imma dan mhux biżżejjed. Uliedna fl-iskejjel ftit li xejn jistgħu jisimgħu u jistudjaw fuq nies kbar Maltin li għamlu ġieh lil art twelidhom, li taw il-kontribut tagħhom lis-soċjetà Maltija u żejnu l-istorja tagħha fl-arkittetura, fl-arti, fil-letteratura, fil-Knisja, fil-gvern, fil-mużika, fil-qrati, fix-xjenzi, u f'kull qasam tas-soċjetà. Dnub. Dnub li ma jinħafirx. Tebgħa li tibqa' fuq ġieh artna anki jekk intellgħulhom il-monumenti issa.*

*Ta' min ifaħħar tant u tant lil dawk iż-żgħażagħ Għawdxin li mill-iskola sekondarja seħħilhom iwaqqfu monument sabiħ lil Ninu Cremona ftit snin biss wara mewtu. Inizzjattiva li tifthilna quddiemna xefaq daqsxejn imdawwal meta naraw żgħażagħ hekk mimlija ħeġġa u inizjattiva. Ngħidulhom prosit, bravi. Ngħidulhom Maltin b'demm Malti. Hawn movimenti oħra li tant qed iħabirku għall-ħarsien ta' dak kollu li hu Malti. U nieħdu pjaċir, nieħdu n-nifs, nibdew nittamaw.*

*U f'dan taħti wkoll l-Akkademja tal-Malti li jmissha kienet minn ta' quddiem li tieħu ħsieb tqanqal dan l-ispirtu u tiġbor fondi għal ċerti monumenti għall-inqas għal dawk li ħadmu għall-Malti u l-letteratura Maltija. Vassalli, Ġużè Muscat Azzopardi, Pietru Pawl Sajdon, Dun Karm u oħrajn fejn baqgħu? Kif ma telax munument mal-mewt tagħhom biex jibqgħu ħajja quddiemna. Dawn ma humiex xi kewkba feġġa li dehret u ntfiet. Hidmiethom tibqa' mħażża b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Letteratura Maltija.*

*L-istess ħaġa ngħidu għal tant movimenti oħra. Kif ftit li xejn ħabirku biex jagħtu ġieħ u jwaqqfu monumenti lil nies kbar li għamlu ġieħ fil-kamp tal-ħidma tagħhom?*

*Fejn huma l-kittieba tagħna li jfittxu jagħtuna bijografija dokumenti ta' nies kbar ħalli wliedna jammirawhom u jħobbuhom. Fejn hi l-istorja ta' pajjiżna miktuba bi kriterji moderni xjentifiċi?*

*Il-kultura Maltija f'pajjiżna hija nieqsa u nieqsa b'mod li jbikkik. Pajjiżna iktar donnu jogħxa u jitgħaxxaq irabbi u jrawwem kulturi barranin milli jieħu ħsieb dik tiegħu stess. Ma aħniex ngħidu li ma niħdux pjaċir naraw kulturi oħra jaħdmu f'pajjiżna, għax il-kultura hija wirt għażiż hi ta' min hi, imma jidhrilna li aħna għandna nkunu minn ta' quddiem li nuru u nħabirku għall-kultura Maltija.*

*Infetħu f'diversi żminijiet istituti ta' Kultura barranija f'pajjiżna, imma qatt Istitut ta' Kultura Maltija u forsi għad hawn min ixammar imnieħru għal idea bħal din. Kellna f'pajjiżna l-istitut Taljan Umberto Primo li tant ħadem biex ixerred il-kultura taljana u llum għandna r-replika tiegħu. Kellna l-British Institute li llum sar magħruf bħala British Council. Għandna l-Istitut Libjan, l-Alliance Francaise, il-German Circle. Għaliex qatt ma kellna u għaliex għad ma għandniex Istitut tal-Kultura Maltija. Għaliex ma għandniex post deċenti, kbir u ċentrali li fih jilqa' l-ħidma kulturali Maltija kollha?*

*Imma ħaġa bħal din titlob l-għajnuna tal-gvern. Mhux possibli li l-għaqdiet individwali jaslu għal proġett bħal dan. Hafna drabi jsiru ħafna sforzi biex jinġabru l-fondi meħtieġa għal xi attività u tinħela iktar enerġija fuq il-ġbir milli fuq ix-xogħol. Tgħid jista' wieħed jittama li l-Gvern għad jgħin u jwaqqaf Istitut ta' Kultura Maltija?*

*Hija xewqa serja tal-Akkademja tal-Malti li jkollna ċentru ta' Kultura Maltija miftuħ għall-għaqdiet kollha kulturali fejn il-Movimenti jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom għalenija kulħadd fuq il-linja individwali tiegħu u l-inizzjattivi proprji tiegħu.*